MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-27 ta' Frar, 2019

Rikors Maħluf Numru 459/2017 LM

**Nemea Bank plc (C45026)**

***vs.***

**Linerik Oy (Fysio Pro Vita Bulevardi 54, 00120, Ħelsinki, il-Finlandja, bin-numru ta' reġistrazzjoni tal-kumpanniji ID 18471839); u**
**Henrik Lindfors (Hirvijärventie 844, 11710 Rriihimäki, Finlandja detentur tal-karta tal-identità bin-numru 130660-2016);**
**u b'digriet tas-27 ta' Marzu 2018 ġew maħtura l-Avukat Dr Helga Buttigieg Debono u l-Prokuratur Legali PL Nadine Farrugia bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti konvenuti**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-24 ta' Mejju, 2017 mill-bank attur **Nemea Bank plc** (C45026) (minn issa 'l quddiem "il-bank attur"), li ġie maħluf minn Fabio Axisa, *partner* fid-ditta ta' awdituri PricewaterHouse Coopers,

awtorizzat bħala *'competent person' ai termini* tal-Avviż tar-Regolatur tas-27 ta' April, 2016 ai tenur tal-Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta:

1. *Illi l-Bank rikorrenti kien liċenzjat sabiex iforni servizzi bankarji f'Malta ai termini tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta) u fit-tmintax (18) ta' Novembru, 2014 daħal mas-soċjetà konvenuta Linerik Oy, kumpannija reġistrata fil-Finlandja bin-numru ta' reġistrazzjoni ID 18471839 u mat-tieni konvenut is-Sur Hendrik Lindfors detentur tal-karta tal-identità bin-numru 130660-2016 fil-kapaċità personali tiegħu bħala garanti tas-soċjetà konvenuta Linerik Oy, f'Loan Agreement (Dokument anness u mmarkat Dok. NB1) wara Term Sheet datata wkoll tmintax (18) ta' Novembru, 2014 (Dokument ukoll hawn anness u mmarkat Dok. NB2);*
2. *Illi permezz tal-imsemmi Loan Agreement il-Bank rikorrent ikkonċeda faċilitajiet bankarji lill-ewwel konvenuta Linerik Oy sa massimu ta' żewġ miljuni u ħamsin elf ewro (€2,050,000) skont it-termini, il-kundizzjonijiet u l-garanziji dettaljati kontenuti fl-istess Loan Agreement u t-Term Sheet liema Term Sheet kuntrattwalment tifforma parti mil-Loan Agreement. Fuq din il-faċilità, it-tieni konvenut Henrik Lindfors kien garanti in solidum mal-ewwel konvenuta ai termini tal-liġi applikabbli għall-kuntratt;*
3. *Illi l-konvenuti jew min minnhom ġibdu l-ammont indikat fil-faċilità bankarja u dan skont id-Drawdown Requests ilkoll datati tmintax (18) ta' Novembru, 2014 hawn annessi u mmarkati bħala Dokument NB 1A, NB 1B u NB 1C, liema Drawdown Requests ġew konfermati mill-garanti Henrik Lindfors;*
4. *Illi l-konvenuti jew min minnhom naqsu milli jħallsu l-ammonti dovuti minnhom u b'hekk kisru waħda jew aktar mit-termini u l-kundizzjonijiet tal-faċilitajiet imsemmija inkluż il-klawsoli numru 5 u 6 tal-Loan Agreement u l-klawsoli korrispondenti fit-Term Sheet;*
5. *Illi tali inadempjenza tat lok għal event of default ai termini tal-Klawsola numru 12 tal-Loan Agreement u kien għalhekk illi fl-24 ta' Frar, 2017, il-Bank rikorrent skatta l-mekkaniżmu kuntrattwali kontemplat u maqbul bejn il-partijiet u bagħat lill-konvenuti 'Notice for Payment regarding Loan to Linerik Oy dated 18 November, 2014' (Dokument hawn anness u mmarkat bħala DOK. NB3) kemm lill-ewwel kif ukoll lit-tieni konvenut;*
6. *Illi permezz tal-imsemmi avviż il-Bank intima lill-konvenuti Linerik Oy u Henrik Lindfors is-segwenti:*

*"Accordingly through this letter, the Bank is (i) declaring that the Loan, all interest accrued and all other sums payable by the Borrower under the Loan Agreement and/or the Term Sheet are immediately due and payable; (ii) terminating all or any obligations of the Bank under the Loan Agreement and/or the Term Sheet; and (iii) therefore calling you to pay forthwith to the Bank the sum of one million two hundred and forty nine thousand, five hundred and seventy eight euro and ninety nine euro cents (€1,249,578.99), as set out in the attached Schedule A, together with interest until date of effective payment."*

7. *Illi minkejja li dan l-avviż ġie debitament notifikat fuq il-konvenuti ai termini ta' klawsola numru 14.1 tal-Loan Agreement (ara hawn anness u mmarkat bħala Dok. NB4), il-konvenuti, jew min minnhom, baqgħu sal-lum inadempjenti u hija għal din ir-raġuni li kellha ssir din il-kawża quddiem din il-Qorti li hija l-Qorti kompetenti li tisma' tali vertenza kai termini tal-klawsola numru 16.2 tal-istess Loan Agreements;*

*Għaldaqstant, prevja kull dikjarazzjoni li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi u wara li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħidu il-konvenuti jew min minnhom għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-Bank rikorrenti Nemea Bank plc u jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi li seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet/kundizzjonijiet imsemmija fil-Loan Agreement u/jew Term Sheet li jifforma parti mil-Loan Agreement partikolarment iżda mhux limitatament billi l-konvenuti Linerik Oy u s-Sur Henrik Lindfors jew min minnhom naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lill-Bank rikorrenti kif stipulat u kuntrattwalment pattwit bejn il-partijiet u/jew peress illi l-konvenuti jew min minnhom kienu inadempjenti f'obbligi oħrajn assunti minnhom fil-konfront tal-istess Bank rikorrent;*
2. *Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, sabiex solidalment jew mod ieħor bejniethom iħallsu lill-Bank attur Nemea Bank plc is-somma ta' miljun, mitejn u disgħa u erbgħin elf, ħames mija u tmienja u sebgħin euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€1,249,578.99) ai termini tal-Loan Agreement u t-Term Sheet datati tmintax (18) ta' Novembru, 2014, flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-24 ta' Frar 2017 sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti jew min minnhom li minn issa qed jiġu inġunti in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta tal-**avukat Dr Helga Buttigieg Debono** u tal-**PL Nadine Farrugia** (ID 68280M) li ġew maħturin bħala kuraturi deputati b'digriet tas-27 ta' Marzu, 2018, sabiex jirrappreżentaw lill-assenti soċjetà konvenuta **Linerik Oy** (numru ta' reġistrazzjoni tal-kumpanniji ID 18471839) u lill-assenti konvenut **Henrik Lindfors** (130660-2016) fil-vesti personali tiegħu bħala garanti tas-soċjetà konvenuta, (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti"), li ġiet ippreżentata fis-26 ta' April, 2018, li biha eċċepew:

1. *Illi l-eċċipjenti mhijiex edotta mill-fatti tal-każ u tirriserva li tipprovdi l-eċċezzjonijiet u r-risposta tagħha dwar il-mertu u l-kontenut tal-kawża in kwistjoni fi stadju ulterjuri, meta tikkomunika mal-assenti konvenuti;*

2. *Illi l-eċċipjenti fil-vesti ta' kuratriċi deputata bagħtet ittri fl-indirizzi indikati fir-rikors maħluf lill-assenti soċjetà Linerik Oy u lill-assenti Henrik Lindfors liema indirizzi jinsabu fil-Finlandja sabiex l-assenti jiġu infurmati dwar in-nomina tagħha u tistenna struzzjonijiet mingħandhom;*

3. *Illi sal-ġurnata tal-lum l-assenti għadhom ma kkomunikawx mal-eċċipjenti;*

4. *Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attriċi trid tipprova li l-konvenuti assenti huma l-awturi ta' dak pubblikat u li l-kontenut tar-rikors ġuramentat huwa minnu.*

*Salvi eċċezzjonijiet oħra.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-1 ta' Frar, 2019, fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

## Il-kwistjoni bejn il-partijiet

Il-konvenuti ngħataw faċilità mill-bank attur ta' self bankarju sa massimu ta' żewġ miljuni u ħamsin elf Euro (€2,050,000), skont it-termini maqbula bejn il-partijiet fil-*Loan Agreement* u t-*Term Sheet* annessa magħha, liema ammont konċess ma ġiex utilizzat kollu mill-konvenuti, tant li €800,000 impoġġija għad-dispożizzjoni tagħhom ma ġewx utilizzati minnhom. Il-ftehim bejn il-partijiet kellu jirregola l-mod kif kellu jitħallas lura l-ammont misluf lill-konvenuti, imma dawn naqsu milli jħallsu l-ammonti dovuti minnhom, bi ksur ta' diversi klawsoli tal-ftehim ta' bejn il-partijiet. Permezz tal-kawża odjerna l-bank attur qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara li seħħew waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet stipulati fil-*Loan Agreement,* partikolarment għax il-konvenuti naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuta lill-bank attur, u sabiex din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-bank attur l-ammont globali ta' €1,249,578.99 flimkien mal-imgħax ulterjuri fuq dan l-ammont mill-24 ta' Frar, 2017 sad-data tal-pagament effettiv, u dan ai termini tal-*Loan Agreement* u t-*Term Sheet* tat-18 ta' Novembru, 2014.

## Provi u riżultanzi

Flimkien mar-rikors promutur, il-bank attur esebixxa kopja tal-*Loan Agreement,* datat it-18 ta' Novembru, 2014[1], bejn min-naħa l-waħda l-bank attur, u min-naħa l-oħra s-soċjetà konvenuta Linerik Oy u l-konvenut Henrik Lindfors bħala garanti tas-soċjetà konvenuta. It-termini li jirregolaw dan is-self huma elenkati f'dan il-ftehim, partikolarment il-klawsola li tistabbilixxi li s-self sa massimu ta' €2,050,000 għandu jitħallas fi żmien ħames (5) snin minn meta

[1] *A fol.* 11 *et seq.* tal-proċess.

dan jingħata lill-konvenuti. L-*Events of Default* stipulati f'dan il-ftehim jistabbilixxu liema huma l-eventwalitajiet li minħabba fihom il-bank attur jista' jitlob ħlas immedjat tas-somma li tkun għadha dovuta, flimkien mal-imgħaxijiet fuqha, li jkunu għadhom dovuti mill-konvenuti, u li minħabba fihom il-bank attur jista' jitlob li jiġu tterminati l-obbligi tiegħu taħt il-ftehim li kien sar bejn il-partijiet.[2] Il-bank attur esebixxa wkoll kopji tad-*drawdown requests* magħmula mill-konvenuti, b'talbiet varji għall-ħlas lilhom tal-ammonti li xtaqu jissellfu mingħand il-bank attur.[3] Ġiet esebita wkoll kopja tan-*Notice for Payment* datata 24 ta' Frar, 2017[4], fejn b'riferiment għal-*Loan Agreement* u għat-*Term Sheet* annessa miegħu, it-tnejn li huma tat-18 ta' Novembru, 2014, il-bank attur allega ksur tal-obbligi tal-konvenuti taħt dak il-ftehim:

> *"The Borrower has breached its obligations in terms of the Loan Agreement and under the provisions of the Term Sheet, amongst others, by failing to pay on the due date, namely on the 18th November 2016, the semi annual interest and capital repayment of forty six thousand four hundred and fifty three euro and ninety-nine euro cents (€46,453.99) (of which capital is €15,625.00 and interest is €30,746.53) payable in terms of clauses 5.2 and 6 of the Loan Agreement and the relative clauses of the Term Sheet, and which interest and capital repayment remains unpaid to-date."*

---

[2] 12.1 *In the event that:*
*(a) the Borrower fails to pay on the due date any amount payable under this Agreement (other than where the Borrower demonstrates to the satisfaction of the Bank that such failure is due to an administrative or technical payment error, in which case the Borrower shall have 3 Business Days from the due date to make such payment); or*
*(c) the Borrower fails to comply with any provision of this Agreement or the Borrower or any other grantor of security fails to comply with any provision of the security provided pursuant to Clause 11 and, where capable of remedy, such failure is not remedied to the reasonable satisfaction of the Bank within 7 Business days of the Bank giving notice to the Borrower lor other grantor requiring the Borrower or other grantor to remedy the same;...*
*Then in any such case and at any time thereafter while such event is continuing the Bank may by written notice to the Borrower declare the Loan, all interest accrued and all other sums payable by the Borrower under this Agreement including the additional payment detailed in Clauses 5.3 (a) and 5.23 (b) to be immediately due and payable and/or terminate the obligations of the Bank under this Agreement.*
[3] *A fol.* 26 tal-proċess.
[4] *A fol.* 29 tal-proċess.

Il-Qorti kkonsidrat id-dokumenti kollha ppreżentati mill-bank attur, liema dokumenti juru t-tentattivi kollha li saru min-naħa tiegħu sabiex ġew notifikati l-konvenuti kemm bit-talbiet tal-bank, kif ukoll bir-Rikors Maħluf[5], kif ukoll bl-inkartament kollu rilevanti għall-ħatra ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-interessi tal-konvenuti assenti.[6]

Permezz ta' nota tat-18 ta' Ġunju, 2018, il-bank attur ippreżenta għadd ta' dokumenti fir-rigward tal-istatus tiegħu hawn Malta, u l-fatt li dan kien tpoġġa taħt l-iskrutinju tal-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji, u li kienet qiegħda tinħatar persuna kompetenti sabiex tieħu ħsieb l-assi tal-bank, u l-interessi tad-depożitanti u l-investituri tiegħu, bħala parti minn miżuri ta' prekawzjoni.[7] F'dan ir-rigward, ġiet ippreżentata wkoll kopja ta' *affidavit*[8] ta' **Fabio Axisa,** maħtur bħala persuna kompetenti taħt il-Kap. 370 u 371 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex jieħu ħsieb l-assi tal-bank attur u jassumi kontroll fuq in-negozju tal-istess bank. Ix-xhud qal illi l-azzjoni regolatorja fil-konfront tal-bank attur ittieħdet wara li saret spezzjoni minn rappreżentanti tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji flimkien ma' membri tad-DGMSIII tal-Bank Ċentrali Ewropew, u kienu nstabu diversi nuqqasijiet fir-rigward tal-operat tal-bank attur. Kien in vista ta' dawn in-nuqqasijiet li fis-27 ta' April, 2016, l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ħarġet avviż għall-pubbliku fejn qalet li sabiex tingħata protezzjoni xierqa lid-depożitanti u lill-klijenti tal-bank inkwistjoni, PricewaterHouse Coopers kienu qegħdin jinħatru bħala Persuni Kompetenti *ai termini* tal-artikolu 29 tal-Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta. Permezz ta' avviż ieħor maħruġ fl-istess ġurnata, l-Awtorità infurmat lill-pubbliku li kienu qegħdin jiġu

[5] *A fol.* 31 *et seq.* tal-proċess.
[6] *A fol.* 77 *et seq.* tal-proċess.
[7] *A fol.* 123 *et seq.* tal-proċess.
[8] *A fol.* 141 tal-proċess.

imposti restrizzjonijiet fuq id-depożiti fl-istess bank, kif ukoll kien qiegħed jitpoġġa limitu fuq l-ammont ta' flus li jistgħu jinħarġu mill-istess bank. Ix-xhud kompla jispjega li fit-18 ta' Lulju, 2016, inħareġ avviż ieħor li permezz tiegħu l-Awtorità infurmat li kien qiegħed jiżdied il-limitu tal-ammont ta' flus li setgħu jinħarġu mill-bank attur f'ġurnata waħda, kif ukoll li kienu qegħdin isiru taħdidiet sabiex jiġi żgurat li n-nuqqasijiet li nstabu fil-bank jiġu indirizzati. Ix-xhud ikkonstata wkoll li fl-20 ta' Jannar, 2017, l-Awtorità ħarġet avviż ieħor li kien jgħid li kienet saret proposta lill-Bank Ċentrali Ewropew sabiex il-liċenzja tal-bank attur tiġi revokata. Fit-23 ta' Marzu, 2017, il-Bank Ċentrali Ewropew iddeċieda li għandha tiġi rtirata l-liċenzja tal-bank attur u dan minħabba li dan ma kienx għadu meqjus li hu konformi mar-rekwiżiti regolatorji applikabbli. Ix-xhud spjega li fir-rwol ta' Persuna Kompetenti, PricewaterHouse Coopers għandha l-interess li tissalvagwardja l-interessi tad-depożitanti u tal-klijenti tal-bank attur, u in vista ta' dan inbdew għadd ta' proċeduri legali kontra debituri tal-bank attur, u dan sabiex jiġu rkuprati kemm jista' jkun mill-flus dovuta lill-bank attur, sabiex ikunu jistgħu jitħallsu persuni li kellhom flus iddepożitati fil-bank attur. Kompla jgħid li kien għalhekk li sar eżerċizzju rigoruż sabiex jiġi stabbilit min huma l-persuni li għandhom jagħtu flus lill-bank attur, kif ukoll sabiex jinbdew il-proċeduri legali appożiti kontra d-debituri.

Ix-xhud kompla jispjega li fit-18 ta' Novembru, 2014, kien hemm *drawdown request* minn Linerik Oy għall-ammont ta' €1,050,000, bi struzzjonijiet dwar kif kellu jitqassam dan l-ammont. Qal li rriżulta li minn faċilità ta' self sa massimu ta' €2,050,000, il-konvenuti ġibdu l-ammont ta' €1,250,000, u li fl-20 ta' Diċembru, 2014, Henrik Lindfors iffirma *Termination of Loan Commitment and Fulfilment of Letter of Engagement,* sabiex effettivament ikkanċella l-

possibilità li t-€800,000 li ma ġewx mislufa mis-soċjetà konvenuta, jibqgħu għad-dispożizzjoni tagħha. Ix-xhud qal li għall-ewwel ftit xhur li ħadu s-self, il-konvenuti bdew iħallsu lura l-flus li ssellfu mingħand il-bank attur skont il-ftehim li kien hemm bejniethom, iżda li f'punt minnhom dawn il-ħlasijiet ma baqgħux isiru. Kompla jgħid li l-bank attur kien ħareġ numru ta' *payment requests* fil-konfront tal-konvenuti. Ix-xhud qal li l-aħħar ħlas mill-konvenuti kien sar fl-1 ta' Novembru, 2016, u li wara dakinhar, ma sarux aktar pagamenti, bi ksur tal-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet. Qal li kien għalhekk li fl-24 ta' Frar, 2017 ġiet invokata l-klawsola tal-*event of default,* li permezz tagħha ntalab ir-radd lura tal-ammont misluf lis-soċjetà konvenuta bl-imgħax applikabbli.[9] Ix-xhud qal li minkejja dawn l-interpellazzjonijiet da parti tal-bank attur, il-konvenuti baqgħu inadempjenti, u naqsu milli jagħmlu aktar pagamenti tas-self konċess lilhom skont il-qbil li kien hemm bejn il-partijiet. Qal li mill-provi jirriżulta li l-ammont dovut mill-konvenuti huwa ta' €1,203,125, u li l-imgħax fuq dan l-ammont għall-perijodu bejn id-19 ta' Mejju, 2016 u l-14 ta' Ġunju, 2018, huwa ta' €123,891.06, salv imgħaxijiet ulterjuri dovuti sad-data tal-ħlas, sabiex b'hekk hu dovut l-ammont globali ta' €1,327,016.06.

Xehed permezz ta' *affidavit* **David Herrera**[10], li kien jaħdem mal-bank attur bħala *Head of Marketing, Communications and Client Services,* li kkonferma li s-soċjetà konvenuta Linerik Oy u l-konvenut Henrik Lindfors fil-kapaċità tiegħu personali bħala garanti ta' Linerik Oy, kienu debituri tal-bank attur, u li sal-

[9] *"Accordingly, through this letter, the Bank is (i) declaring that the Loan, all interest accrued and all other sums payable by the Borrower under the Loan Agreement and/or the Term Sheet are immediately due and payable; (ii) terminating all or any obligations of the Bank under the Loan Agreement and/or the Term Sheet; and (iii) therefore calling upon you to pay forthwith to the Bank the sum of one million two hundred and forty nine thousand five hundred and seventy eight euro and ninety-nine euro cents (€1,249,578.99), as set out in the attached Schedule A, together with interest until date of effective payment."*
[10] *A fol.* 191 tal-proċess.

aħħar ġurnata li fiha x-xhud ħadem mal-bank attur dawn kienu għadhom ma ħallsux dak dovut minnhom lill-bank. Ix-xhud ikkonferma li s-self ingħata lis-soċjetà konvenuta Linerik Oy skont it-termini tal-*Loan Agreement* u tat-*Term Sheet* maħruġa fit-18 ta' Novembru, 2014, li permezz tagħhom il-bank attur ikkonċeda faċilità ta' self sa massimu ta' €2,050,000 lis-soċjetà konvenuta. Kompla jgħid li meta huwa kien għadu fl-impjieg tal-bank attur, hu personalment kien ikkorrisponda ma' Henrik Lindfors dwar il-fatt li l-ħlasijiet dovuti lill-bank attur ma kinux qegħdin isiru, tant li fl-20 ta' Lulju, 2016, kienet intalbet laqgħa urġenti ma' Henrik Lindfors dwar dan. Kompla jgħid li r-risposta ta' Lindfors kienet fis-sens li l-ħlasijiet dovuti fir-rigward tas-self prinċipali u l-imgħax fuqu kellhom isiru sa Awwissu tal-2016, u li l-bank attur kien irrisponda fis-27 ta' Lulju, 2016, fis-sens li kien dispost li jistenna sa Awwissu sabiex isiru l-ħlasijiet dovuti lilu. Kompla jgħid li fit-13 ta' Awwissu, 2016, hu kien bagħat *email* lil Henrik Lindfors fejn talbu aġġjornament dwar il-faċilità ta' kreditu mogħtija lil Linerik Oy, u dan stante li l-bank attur baqa' ma rċieva l-ebda risposta jew pagament mingħand il-konvenuti. Ix-xhud qal illi fis-26 ta' Settembru, 2016 u fl-20 ta' Ottubru, 2016, intbagħtet *email* oħra lil Henrik Lindfors fejn intalab il-ħlas lura ta' dak kollu dovut lill-bank attur, u fil-31 ta' Ottubru, 2016, il-bank attur irċieva risposta mingħand Henrik Lindfors li kkonferma li hu kien ħallas l-ammont ta' €62,057.29, għalkemm din l-*email* ma tagħti l-ebda dettalji oħra dwar kif il-konvenuti kienu ser iħallsu l-kumplament tal-flus dovuti minnhom lill-bank attur. Ix-xhud kompla jgħid li fit-2 ta' Novembru, 2018, huwa kkonferma li l-bank attur kien irċieva l-ħlasijiet li kellhom jitħallsu fit-18 ta' Novembru 2015 u fit-18 ta' Mejju, 2016, filwaqt li informa lil Henrik Lindfors li l-bank attur kien għadu qiegħed jistenna l-ħlas tal-kapital u l-imgħaxijiet li kellhom jitħallsu sat-18 ta' Novembru, 2016,

ammontanti għal €46,371.53, skont it-termini maqbula mill-partijiet. Ix-xhud qal illi fil-21 ta' Novembru, 2016 kif ukoll fl-20 ta' Diċembru, 2016, intbagħtet korrispondenza lil Lindfors minħabba li l-ammont dovut sat-18 ta' Novembru, 2016 kien għadu ma tħallasx. Qal illi l-ammont dovut baqa' ma tħallasx, u li kien għalhekk li ttieħdet id-deċiżjoni mill-bank attur jitlob il-ħlas tal-bilanċ kollu li kien għadu dovut lilu. Qal li minkejja t-tentattivi kollha li saru da parti tal-bank attur sabiex jiġbor l-flus dovuta lilu, ma sar l-ebda pagament ieħor da parti ta' Linerik Oy jew ta' Henrik Lindfors.

Permezz ta' nota tas-27 ta' Diċembru, 2018, l-avukat Dottor Helga Buttigieg Debono kuratur deputat maħtura sabiex tirrappreżenta lill-assenti konvenuti Linerik Oy u Henrik Lindfors, iddikjarat illi hi kienet bagħet diversi ittri lis-soċjetà Linerik Oy u lil Henrik Lindfors fl-indirizzi pprovduti lilha, sabiex tinfurmahom bil-ħatra tagħha ta' kuratur deputat u kienet qed tistenna struzzjonijiet mingħandhom. Fin-nota tagħha qalet ukoll li rnexxielha tagħmel kuntatt bit-*telephone* ma' persuna li allegat li hi Henrik Lindfors, u li xi jiem qabel kienet ġiet ikkuntattjata minn Jukka Fahlgren li allega li hu l-konsulent legali tal-konvenut Lindfors u li qal li kienet l-intenzjoni ta' Lindfors li jikkontesta t-talbiet kollha tal-bank attur u talab żmien sa Frar tal-2019 sabiex jieħu konjizzjoni tal-evidenza kollha ppreżentata u sabiex iressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu. Il-Qorti akkordat terminu ulterjuri ta' għoxrin (20) ġurnata għall-preżentata ta' risposta ulterjuri da parti tal-konvenuti. Minkejja dan, fl-udjenza tal-1 ta' Frar, 2019, il-Qorti ġiet infurmata mill-kuratur deputat li għalkemm kien sar kuntatt mar-rappreżentant legali tal-konvenut, fejn dan intalab jgħaddilha kull informazzjoni li tista' tkun rilevanti għall-kawża odjerna, dan naqas milli jagħmel hekk, u kien għalhekk li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Fl-udjenza tal-1 ta' Frar, 2019, l-avukat difensur tal-bank attur ingħata ġimgħa żmien sabiex ikun jista' jippreżenta prospett aġġornat tal-bilanċ dovut mill-konvenuti lis-soċjetà attriċi, li ġie ppreżentat fit-8 ta' Frar, 2019.[11]

**Konsiderazzjonijiet legali**

Il-Qorti kkonsidrat l-evidenza kollha miġjuba quddiemha, minn fejn jirriżulta li l-konvenuti kkontrattaw self mal-bank attur, skont it-termini tal-*Loan Agreement* u t-*Term Sheet* tat-18 ta' Novembru, 2014, liema self kellu jkun għal massimu ta' €2,050,000, li, minnhom inġibdu €1,250,000 mill-konvenuti. Jirriżulta ppruvat ukoll li sal-lum għad baqa' bilanċ dovut ta' €1,364,700.52. rappreżentanti €1,203,125.00 bħala kapital u €161,575.52 bħala imgħaxijiet mid-19 ta' Mejju, 2016 sat-8 ta' Frar, 2018, wara li s-soċjetà konvenuta naqset li tibqa' tagħmel l-pagamenti perjodiċi akkont tal-ammont misluf lilha.

Illi jirriżulta ppruvat ukoll li minkejja li l-bank attur għamel għadd ta' *payment requests* u ġibed l-attenzjoni tal-konvenuti diversi drabi li l-ammonti dovuta minnhom kienu għadhom mhumiex imħallsa, dawn baqgħu inadempjenti. Ġew ikkonsidrati wkoll l-*events of default* miftiehma mill-partijiet fejn kien ġie miftiehem li f'każ li s-soċjetà konvenuta tonqos milli tħallas l-ammonti dovuta minnha skont it-termini miftiehma, il-bank attur seta' jitlob ħlas immedjat tal-bilanċ kollu li jkun għadu dovut flimkien mal-imgħax relattiv.

Il-Qorti kkonsidrat ukoll il-korrispondenza mibgħuta mill-bank attur, partikolarment l-*emails* ta' David Herrera, u li għalihom ma kienx hemm

[11] *A fol.* 219 u 220 tal-proċess.

tweġiba sodisfaċenti da parti tal-konvenuti, għajr għal *statement* fejn Hendrik Lindfors irrefera għal ħlasijiet akkont li kienu ġew effettwati minnu, mingħajr ma ta aktar informazzjoni dwar kif kien ser iħallas il-kumplament tal-flus dovuti minnu u mis-soċjetà konvenuta lill-bank attur. Ġie kkonsidrat ukoll il-fatt li minkejja li konsulenti legali tal-konvenuti wrew l-intenzjoni li jikkontestaw it-talbiet imressqa mill-bank attur fir-rikors promutur, dawn naqsu milli jippreżentaw ir-risposta maħlufa tagħhom għar-rikors promutur, kif ukoll naqsu milli jġibu provi sabiex jikkontestaw it-talbiet attriċi, u dan minkejja li ġie lilhom konċess terminu ta' żmien sabiex jagħmlu dan.

Hu fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha li l-Qorti hi tal-fehma li l-bank attur irnexxielu jipprova li hu debitur tal-konvenuti fis-somma ta' €1,364,700.52, kif ukoll li seħħew l-*Events of Default* ikkontemplati fil-ftehim bejn il-partijiet, li permezz tiegħu l-bank attur għandu dritt jitlob lill-konvenuti jeffettwaw il-ħlas tal-bilanċ pendenti dovut fuq is-self mogħti lilhom, flimkien mal-imgħaxijiet dovuta fuq dak l-ammont sad-data tal-pagament.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiddikjara u tiddeċiedi li seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet/kundizzjonijiet imsemmija fil-*Loan Agreement* u/jew *Term Sheet* li jifforma parti mil-*Loan Agreement* datati tmintax (18) ta' Novembru, 2014*,* partikolarment iżda mhux limitatament billi l-konvenuti Linerik Oy**

**u Henrik Lindfors naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lill-bank attur kif stipulat u kuntrattwalment pattwit bejn il-partijiet;**

**2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment bejniethom iħallsu lill-bank attur Nemea Bank plc is-somma ta' miljun, tliet mija u erbgħa u sittin elf u seba' mitt Euro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€1,364,700.52) li minnhom €1,203,125 huma l-kapital u €161,575.52 huma imgħaxijiet dovuti fuq l-imsemmija somma mid-19 ta' Mejju, 2016 sat-8 ta' Frar, 2019, *ai termini* tal-*Loan Agreement* u t-*Term Sheet* datati 18 ta' Novembru, 2014, flimkien mal-imgħax ulterjuri mid-9 ta' Frar, 2019 sad-data tal-pagament effettiv.**

**Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.**

Moqrija.